MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Numru. 233/2008

**Il-Pulizija
Sp Jesmond J Borg
vs
Jon Lawrence Formosa**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jon Lawrence Formosa ta’ 30 sena iben John u Barbara nee’ Colverson, mwieled l-Ingilterra fis-6 ta’ Marzu 1978 u residenti 239 Triq San Mikiel, Bormla, ID 546993M.**

**(a) Akkuzat talli fil-5 ta’ Lulju 2008 kif wkoll fix-xahar ta’ qabel fi bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’**

**Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17H tal-Kap, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 22(1B) tal-Kap 101, it-Taqsima 4 u 6 kif wkoll ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet**

**dedotti kontrieh b'dan pero li t-tieni wahda hija assorbita fl-ewwel wahda u dan ai termini ta' l-Artikolu 17H tal-kap 9. Dwar il-piena il-Qorti qed tikkunsidra li**

**(a) L-imputat ammetta mill-ewwel**
**(b) Jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-kap 101 minhabba l-koperazzjoni kbira li wera mal-pulizija**
**(c) U li nbidel radikalment mid-drabi l-ohra li l-Qorti ratu b'ghajnejha quddiemha**

**Ghal hekk fil-fehma tal-Qorti jidrilha li ghandha tiehu dawn in konsiderazzjoni hija u tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' 9 xhur kif wkoll biex ihallas multa ta' 467 Euro, liema multa tista' tithallas b'rata ta' 40 Euro fix-xahar b'dan pero li l-ewwel pagament irid isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din il-multa tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 euro li ma jithallsux.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------